MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 33/2010

**Kevin Ahar**

**vs**

**L-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fil-27 ta' Settembru 2010 il-Bord tal-Appell Dwar it-Turizmu ppronunzja d-decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"Il-Bord:*

*Ezamina l-appell intavolat mis-Sur Kevin Ahar kontra decizjoni tal-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta datata 4 ta' Marzu 2010 li permezz taghha l-Awtorita` msemmija ddecidiet illi l-koncessjoni ghall-imwejjed barra quddiem il-Conquest Bar (ossija kemm il-koncessjoni originali li nghatat fit-3 ta' Gunju 2002, kif ukoll il-koncessjoni*

*sussegwenti ta' 33 m.k. addizzjonali li nghatat fis-16 ta' Marzu 2006) kienet sal-11 ta' fil-ghaxija b'dan, ghalhekk, li l-appellant huwa obbligat jnehhi l-istess imwejjed fil-11 ta' filghaxija u bil-kundizzjoni wkoll li ma jirrekax inkonvenjent lill-girien.*

*Inzammu tliet seduti fis-26 ta' Marzu 2010, 9 ta' Lulju 2010 u 22 ta' Lulju 2010 fejn xehdu Kevin Ahar, Walter Ahar u s-Sur Andre Zammit min-naha tal-appellant u s-Supretendent Charles Bartolo u s-Sur Frank Farrugia min-naha tal-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta. Il-Bord semgha wkoll ix-xhieda tas-Sur Saviour Scicluna li huwa 'third party objector' debitament rappresentat mill-Avv. Keith Borg.*

*Ra d-dokumentazzjoni ezebita fil-process fosthom ittra ta' ilment datata 24 ta' Awwissu 2000 min-naha tas-Sur Saviour Scicluna; ittra datata 3 ta' Gunju 2002 mill-Awtorita` li permezz taghha l-appellant inghata koncessjoni ghal 5 imwejjed barra; ittra datata 6 ta' Gunju 2002 iffirmata mis-Sur Scicluna fejn qieghed ghal darb'ohra jilmenta li l-appellant kien qieghed ihalli l-imwejjed barra l-lejl kollu u li, in sustanza, ma kellux oggezzjoni jekk l-imwejjed jithallew sal-11 ta' filghaxija; ittra mill-Awtorita` datata 11 ta' Gunju 2002 fejn l-Awtorita` qieghda ticcara li l-permess ghall-imwejjed huwa sal-11 ta' filghaxija u li dan huwa suggett ghall-kundizzjoni li ma jinholoqx inkonvenjent lill-pubbliku; serje ta' korrispondenza minn fejn jirrizulta li-Planning Authority kienet qieghda tirrikunsidra d-decizzjoni taghha li jitqeghdu l-imwejjed u li, ghalhekk, il-permess kien qed jigi sospiz sakemm il-Planning Authority tiddeciedi b'decizjoni favur it-tqieghed mill-gdid tal-imwejjed tinghata b'ittra tal-Awtorita` datata 24 ta' Marzu 2003; ittra tal-Awtorita` datata 12 ta' Mejju 2003, li tikkonferma li l-permess ghall-imwejjed huwa sal-11 ta' filghaxija u suggett ghall-kundizzjoni li l-appellant ma johloqx inkonvenjent lill-girien u lill-pubbliku; ittra mill-Ministeru ghall-Gustizzja u ghall-Intern datata 9 ta' Marzu 2006 li permezz taghha l-appellant inghata l-permess li jokkupa taht kundizzjonijiet ta' encroachment sit biswit il-hanut Conquest; ittra datata 16 ta' Marzu 2006 mahruga mill-Awtorita` fejn l-appellant*

*inghata estenzjoni fil-koncessjoni ghall-imwejjed ta' 33 m.k.; ittra datata 27 ta' Ottubru 2009 iffirmata mis-Sur Scicluna li qieghed jilmenta li l-imwejjed mhux qeghdin jingabru fil-11 izda qeghdin jithallew barra t-triq lejl u nhar imferrxin fuq il-gnub tal-hanut; ittra datata 9 ta' Novembru 2009 mill-Awtorita` fejn qed jigi ccarat li z-zewg permessi ghall-imwejjed barra kienu sal-11 ta' filghaxija u li m'ghandux jinholoq inkonvenjent lill-pubbliku.*

*Semgha t-trattazzjoni tal-konsulenti legali tal-partijiet.*

*Ikkunsidra:*

*Ix-xhieda tal-appellant in sustanza hija fi-sens li (a) garr tieghu, precizament is-Sur Saviour Scicluna huwa mqabbad mieghu u ilu hekk imqabbad mieghu zmien twil, (b) li l-ilmenti tas-Sur Scicluna huma nfondati u (c) li d-decizjoni msemmija tal-Awtorita` hija diskriminatorja kontra l-appellant stante illi l-appellant huwa l-unika stabiliment f'dawk l-akwati li ghandu l-permess tieghu sal-11 ta' filghaxija mentri l-istabilimenti l-ohra fl-istess Xatt ghandhom permess biex johorgu mwejjed fuq barra sas-1 ta' filghodu.*

*Ix-xhieda tas-Sur Scicluna hija fis-sens li l-imwejjed qeghdin joholqu nkonvenjent stante l-fatt li dawn kienu qeghdin jithallew barra oltre l-hin stipulat bir-rizultat li jkun hemm storbju zejjed u nkonvenjent mhux raganevoli. Ix-xhud stqarr li ma kellu ebda oggezzjoni li l-imwejjed jithallew sal-11 ta' filghaxija purke l-appellant inehhihom fil-hin.*

*Ix-xhieda tas-Sur Scicluna hija xi ftit jew wisq ikkonfermata mix-xhieda tas-Supretendent Bartolo prodott mill-Awtorita' appellata li xehed li kien hemm sensiela ta' ilmenti min-naha tas-Sur Scicluna (ezebiti bhala Dok. CB1). Minhabba dawn l-ilmenti s-Supretendent Bartolo kien baghat xi Pulizija josserva l-istabiliment in kwistjoni u kkonferma li l-Pulizija gieli nnutat xi nuqqasijiet ta' osservanza tal-kundizzjonijiet tal-licenzji. Ix-xhud imsemmi xehed li total ta' 4 akkuzi nhargu kontra l-appellant u akkuza ohra kontra Frank Bernard Ahar. Ta' min isemmi li*

*fost dawn l-akkuzi kien hemm wahda li l-appellant ma kienx nehha l-imwejjed sal-11 izda kien gie liberat minn din l-akkuza. Is-Supretendent xehed ukoll li hemm kawza ghadha pendenti quddiem il-Qrati ta' Malta kontra l-appellant u Frank Bernard Ahar li kienu akkuzati li ppermettew muzika tghajjat tindaqq wara l-hinijiet tal-permess u li ma nehhewx l-imwejjed ta' barra fil-hin stipulat. Is-Supretendent sahaq ukoll li l-erba' akkuzi m'ghandux jigi interpretat fis-sens li l-appellant kiser il-kundizzjonijiet tal-permessi dawk id-drabi biss izda kien hemm numru ta' drabi fejn il-Pulizija osservaw nuqqasijiet izda, peress li l-appellant ikkollabora mal-Pulizija mal-ewwel, l-istess Pulizija ma hassewx li kellhom imexxu kontra l-appellant. Ix-xhud ikkonferma wkoll li dan l-ahhar hu stess kien mar fl-istabbiliment in kwistjoni izda ma ra ebda nuqqasijiet.*

*Jirrizulta mix-xhieda tas-Sur Frank Farrugia li, effettivament, il-kaz tal-appellant hu wiehed daqxejn anomalu fis-sens li, skont l-istess xhieda, ma jirrizultax li hemm stabbiliment iehor li ghandu limitazzjoni tal-imwejjed barra sal-11 u li l-hwienet l-ohra f'Malta (inkluz dawk fuq l-istess naha tax-Xatt fejn jinsab il-hanut tal-appellant) kollha ghandhom permess sal-1 ta' filghodu. Din l-istess verzjoni giet ikkorroborata mis-Sur Andre Zammit. Is-Sur Farrugia xehed ukoll, pero', li l-limitazzjoni tal-hin giet imposta stante l-ilmenti tas-Sur Scicluna u li ma kienx hemm stabbilimenti ohra sa fejn jaf hu fejn kien hemm ilmenti simili minn girien. Is-Sur Farrugia sahaq ukoll li f'kazijiet ohra fejn jirrizulta li hemm ilmenti minn girien l-Awtorita` timxi bl-istess kejl u timponi limitazzjonijiet simili tal-hin.*

*Li dan l-appell si tratta dwar il-problema perenni li tohloq bilanc bejn zewg drittijiet apparentement kontrastanti cioe' d-dritt tac-cittadin li jistrieh go daru u li jgawdi l-paci u l-mistrieh fl-ambjent tad-dar u d-dritt min-naha l-ohra tal-kummercjant li jinnegozja minghajr xkiel irragonevoli u li jgawdi l-frott tal-investiment tieghu, bilanc li, del resto, m'huwiex facli li jinholoq.*

*Dwar l-aggravju tad-diskriminazzjoni sollevata mill-appellant issir ampja referenza ghas-sentenza fl-ismijiet l-Avv. Rachel Loporto Montebello noe vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-22 ta' Frar 2008 u l-insenjamenti tal-istess sentenza ghal dak li jikkoncerna dak li jikkostitwixxi diskriminazzjoni li huwa l-aggravju interpost mill-appellant.*

*L-Onorabbli Qorti tenniet li:*

*'Fil-kuntest ta' deskriminazzjoni hu risaput illi dak li jrid jigi ppruvat huwa illi l-allegat trattament kien differenti minn dak li nghata lil persuni ohra li kienu tal-istess deskrizzjoni taghhom. Il-paragun li minnu jehtieg li tohrog id-distinzjoni li hi l-bazi tar-reklam ta' diskriminazzjoni "timporta zewg elementi, u cioe', li l-lanjant ma giex ittrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi (in pari conditione) gie jew kien gie ttrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi ma giex. Fi kliem iehor irid isir paragun bejn l-izvantaggjat u l-ivvantaggjat fuq terren ta' cirkostanzi pari" - "Galea noe vs Kummissarju tal-Pulizija", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Jannar 1990.*

*Fuq dan l-istess aspett, l-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Sultana vs Seg. Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru", deciza fil-31 ta' Mejju 1999, osservat:*

*"li llum pacifiku illi hemm diskrinazzjoni meta 1] kazijiet ugwali jew persuni fsitwazzjonijiet ugwali 2] jigu trattati b'mod differenti inkluz permezz ta' imposizzjoni ta' inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew l-ghoti ta' privileggi jew vantagg, 3] meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragjonevoli ghal tali trattament differenti, tali bazi objettiva u ragonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti jkun attribwibli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post tal-origini, l-opinjonijiet politici, eccetera tal-persuni jew 4] jekk ma jkunx hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonalita' bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat [ara l-Pulizija vs Dr. Joseph Muscat Prim'Awla*

*sede Kostituzzjonali - 28 ta' Lulju 1989, Avukat Dr. Tonio Borg noe vs Ministru tal-Affarijiet Barranin u Kultura et - Prim Awla sede Konstituzzjonali - 2 ta' Mejju 1984, Carmel Coccopardo vs Ministeru tax-Xoghlijiet et - Qorti Kostituzzjonali 20 ta' Frar 1987 u bosta ohrajn. Ir-rikorrent mhux rikjest li jipprova r-raguni li mmotivat dik id-diskriminazzjoni imma huwa obbligat li jipprova l-fatt tad-diskriminazzjoni. Jekk imbaghad tali fatt jirrizulta jkun jispetta lil Gvern li juri li dak l-agir kien fic-cirkostanzi gustifikat".*

***Ghalhekk, ikun hemm deskriminazzioni meta l-kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoni ugwali jigu trattati b'mod differenti u ma jkunx hemm bazi oggettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti***

*Dan il-Bord jaqbel kompletament mal-insenjamenti riportati fis-sentenza fuq citata u, ghalhekk, biex l-aggravju tal-appellant jirnexxi l-istess appellant irid jipprova li in pari conditione huwa gie ttrattat b'certu mod meta fl-istess cirkostanzi xi hadd iehor gie ttrattat b'mod differenti.*

*Fil-kaz in ezami, ghalkemm l-appeliant irnexxielu jipprova li gie ttrattat b'mod differenti mill-operaturi l-ohra li ghandhom permessi tal-imwejjed sal-1 ta' filghodu, ma rnexxielux jipprova li f'cirkostanzi identici ghal tieghu xi haddiehor gie trattat b'mod differenti*

*Fil-kaz de quo - u hawhekk terga' ssir referenza ghax-xhieda tas-Sur Frank Farrugia - jirrizulta li l-motivazzjoni tad-decizjoni tal-Awtorita' li tillimita l-permess sal-11 kienu l-ilmenti tas-Sur Scicluna u l-istess xhud xehed li, kieku kellhom jinqalghu cirkostanzi simili dwar operaturi ohra, l-Awtorita' ma jkollha ebda ezitazzjoni li timponi l-istess limitazzjonijiet. Ghalhekk, ghandu jirrizulta li ma kienx hemm diskriminazzjoni meta gie impost fuq l-appellant il-limitazzjoni tal-hin fil-permess tal-imwejjed. Lanqas ma jista' jinghad li l-ilmenti tas-Sur Scicluna huma frivoli u bla bazi stante li xi ftit jew wisq gew ikkonfermati mis-Supretendent Bartolo. Tabilhaqq, jirrizulta mix-xhieda tas-Sur Zammit u tas-Sur Farrugia li dan il-kaz huwa kwazi*

*kwazi unicum u, ghaldaqstant, huwa ferm difficli li wiehed jitkellem fuq diskriminazzjoni.*

*Ta' min josserva wkoll li ai termini tal-artikolu 14 (1) tal-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta l-gurisdizzjoni tal-Bord hija espressament limitata li "...tizgura li l-politika tal-Gvern u d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi ligi ohra applikabbli jkunu gew implimentati jew applikati sew u li d-diskrezzjoni vestita fl-Awtorita` tkun giet uzata b'mod ragonevoli".*

*F'dan il-kuntest, fid-dawl tax-xhieda fuq imsemmija, il-Bord huwa tal-fehma li d-diskrezzjoni tal-Awtorita' giet ezercitata sew u b'mod ragonevoli fil-kuntest tal-fatti kif riportati.*

*In vista ta' dan, in kwantu l-aggravju tal-appell huwa msejjes fuq diskriminazzjoni, il-Bord qieghed jichad l-appell ta' Kevin Ahar kontra decizzjoni tal-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta datata 4 ta' Marzu 2010 li permezz taghha l-Awtorita' msemmija ddecidiet illi l-koncessjoni ghall-imwejjed barra quddiem il-Conquest Bar (ossija kemm il-koncessjoni originali li nghatat fit-3 ta' Gunju 2002, kif ukoll il-koncessjoni sussegwenti ta' 33 m.k. addizzjonali li nghatat fis-16 ta' Marzu 2006) kienet sal-11 ta' filghaxija b'dan, ghalhekk, li l-appellant huwa obbligat jnehhi l-istess mwejjed fil-11 ta' filghaxija u bil-kundizzjoni wkoll li ma jirrekax inkonvenjent lill-girien u jikkonferma li l-kundizzjoni imposta fuq l-appellant in konnessjoni mal-permessi ghall-imwejjed sal-11 ta' filghaxija m'hijiex diskriminatorja fil-konfront tal-appellant.*

*Fl-eventwalita', pero', li l-proceduri kriminali fuq imsemmija attwalment pendenti kontra l-appellant jkollhom ezitu favorevoli ghall-appellant, il-Bord jistieden lill-appellant jerga' japplika ghall-estenzjoni tal-permessi tieghu sas-1 ta' filghodu u, f'dak il-kaz, dan il-Bord jissollecita lill-Awtorita' biex tirri-evalwa s-sitwazzjoni anke fid-dawl ta' dan il-fatt".*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kevin Ahar (ID 296674M) datat 12 ta' Ottubru 2010 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-

aggravji minnu  mressqa tilqa’ l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta’ Jannar 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta’ Marzu 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Frank Testa ghall-awtorita` appellata u Dr. David Camilleri ghall-appellanti prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2011.

Rat illi l-Awtorita` tat-Turizmu ta’ Malta maipprezenta l-ebda risposta.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar it-Turizmu fl-ismijiet premessi datata 27 ta’ Setembru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II.    KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fl-appell odjern l-appellanti qed isostni li l-Ligi giet applikata hazin ghaliex l-appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar it-Turizmu ma kienx dwar il-kuncett ta’ diskriminazzjoni izda li l-persistenza tal-Awtorita’ li tillimitalu l-permess li jpoggi l-imwejjed sal-11.00.p.m. hija wahda irragonevoli, u dan peress li jirrizulta li fil-lokalitajiet kollha msemmija l-hwienet inghataw permess li jpoggu l-imwejjed barra sal-1.00.a.m. u huwa l-appellant biss li ma inghatax dan il-permess fuq il-pretest li kien hemm oggezzjoni da parte ta’ certu Saviour Scicluna li lmenta dwar storbju minhabba daqq li kien qed isir fil-hanut tal-appellant, izda ma jirrizulta li kien hemm ebda kundanna mill-Qorti; fil-fatt saret riferenza ghall-proceduri quddiem il-Qorti  fejn inghad mill-istess Bord li jekk ikun hemm ezitu favorevoli ghall-appellant fl-istess proceduri mela allura l-istess Bord kien lest li jikkonsidra tali talba, u dan apparti li

ssolecita l-Awtorita’ li f’dak il-kaz l-istess Awtorita’ biex tirrievalwa s-sitwazzjoni anke fid-dawl ta’ dan il-fatt.

Illi minn naha l-ohra l-Awtorita’ ma pprezentat l-ebda risposta izda qed tilmenta li l-appell ma jikkostitwix punt ta’ dritt li dwaru hemm appell quddiem din il-Qorti. F’dan il-kuntest jinghad li jidher li l-appell tar-rikorrenti huwa bbazat fuq it-tezi li kull ma ghamel l-istess Bord kien li jittratta l-pendenza sollevata quddiemu mill-punto di vista’ tal-kuncett ta’ diskriminazzjoni bhala lezjoni tad-drittiijiet fundamentali tal-bniedem, meta l-mertu tal-kwezit quddiem il-Bord kien jew kellu jkun trattat mill-optika ta’ kif ghandha tigi ezercitata id-diskrezzjoni li ghandha l-istess Awtorita’ tat-Turizmu fil-hrug tal-licenzji in generali u in partikolari fil-hrug ta’ licenzji sabiex imwejjed jinzammu barra sa 1.00a.m., u dan wara li l-appellant ghamel tali talba ghaliex il-permess moghti lilu kien biss li tali mwejjed ghall fond tieghu Conquest Bar, Triq Ix-Xatt Juan B. Azzopardi, Senglea, kien limitat l-imwejjed jibqghu barra sal-11.00.p.m biss, meta gie allegat li s-sidien kollha tal-hwienet li ghandhom hwienet simili, kollha kellhom permess li tali mwejjed jistghu jibghu barra sal-1.00.a.m.

Illi fil-fatt l-appellant qed isostni li l-konsiderazzjoni li hadet l-Awtorita’ sabiex irrifjutatlu l-permess li johrog il-hwienet biss sal-11.00.p.m. kienu irragonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz u dan ghaliex l-istess jidher li l-istess Awtorita’ ma estendietx il-permess sabiex tali mwejjed jitpoggew sas-1.00.p.m ghaliex qaghdet unikament fuq diversi ilmenti u oggezzjonijiet li saru mis-Sur Saviour Scicluna ta’ 149, St. Joseph Street, Senglea, li joqghod fuq l-istess hanut, li dejjem oggezzjona ghall ghoti tal-permess lill-appellanti ghall hrug ta’ tali mwejjed sas-1.00.p.m.

Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li dwar il-punt jekk l-appell huwiex ammessibbli quddiem din il-Qorti ghaliex huwa fuq punt ta’ dritt jew le, din il-Qorti thoss li l-appellant ghandhu ragun ghaliex jidher li d-decizjoni mill-Bord inhadhet biss fuq il-bazi jekk kienx hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellant li ma ghandux jigi diskriminat, tant li l-istess Bord ghamel riferenza biss ghal gurisprudenza tal-Qorti Sede Kostituzzjonali, u dan ma

kienx korrett u dan ghaliex l-elementi ta' diskriminazzjoni li d-dritt fundamentali jipprotegi huwa wiehed limitat ghad-diskriminazzjoni minhabba razza, il-post ta' origini, l-opinjonijiet politici, sess u punti ohra li qatt in verita' ma kienu l-bazi tal-ilment tar-rikorrenti quddiem l-istess Awtorita' u quddiem il-Bord. Mela allura dan ifisser li l-punt ta' dritt trattat mill-Bord sabiex iddecieda l-appell quddiemu kien zbaljat, u ma kellux jigi trattat fuq il-bazi ta' diskriminazzjoni kif koncepita fil-kuntest tad-drittijiet fundamentali ta' bniedem, izda l-kaz kellu jigi trattat fuq bazi ta' kif ghandha jigi ezercitat id-dritt amministrattiv ta' deskrizzjoni li l-Awtorita' tat-Turizmu ghandha sabiex tohrog licenzja tat-tip u ghall-hinijiet mitluba mill-appellant, u dan anke abbazi ta' dak espressament provdut fl-**artikolu 14 tal-Kap. 409** li *inter alia* jaghti lill Bord l-kompetenza li tiddeciedi jekk *"id-diskrizzjoni vestita fl-Awtorita' tkun giet uzata b'mod ragonevoli".*

Illi jekk imbaghad din il-Qorti tezamina l-mertu jidher li l-Awtoritajiet koncernati f'kull kaz li ssemma quddiem il-Bord ta' hwienet ohra fl-istess lokalita' jew f'lokalitajiet ta' divertiment simili dejjem laqghu t-talba ghall-hrug ta' mwejjed quddiem il-lokal taghhom sas-1.00.a.m, tant li mill-atti esebiti quddiem din il-Qorti ma kienx hemm kaz wiehed fejn dan ma kienx hekk, u fil-fatt tali asserzjoni anke maghmula mill-appellant, ma kienet bl-ebda mod kontradetta mid-dokumenti kollha esebiti.

Illi jidher ghalhekk li l-unika konsiderazzjoni li l-Awtorita' jidher li kkunsidrat sabiex il-permess ghall-hrug tal-imwejjed mill-appellant ma jigix estiz ghall 1.00.a.m., bhal ma huwa dak sahanistra ta' hanut hdejh, u l-ohrajn kollha msemmija, kienu l-oggezzjonijiet li saru mill-imsemmi Saviour Scicluna u minn hadd izjed, li fil-verita' kien oggezzjona wkoll li l-appellanti jinghata l-permess ta' hrug ta' imwejjed anke sal-11.00.p.m. (li inhareg) u jidher li dan kien l-unika resident li ghamel tali oggezzjoni, almenu hekk jirrizulta mill-process u l-atti kollha esebiti quddiem din il-Qorti.

Illi in vista' ta' dan l-appellanti qed isostni li d-diskrezzjoni li ghandha l-Awtorita' ghall-hrug ta' tali permessi, u tal-

permess tieghu in partikolari giet uzata hazin u dan peress agixxiet fic-cahda taghha lilu ghall-estensjoni ta' tali permess fuq konsiderazzjonijiet irragonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz, peress li jidher li bbazat ir-rifjut ta' tali permess biss fuq l-oggezzjoni li saret mill-imsemmi persuna.

Illi din il-Qorti thoss li min qari tad-decizjoni tal-Bord jidher li effettivament hekk huwa l-kaz, ghaliex jidher li l-unika oggezzjoni li kien hemm ghall-ghoti ta' permess sabiex tali mwejjed jigu armati barra l-lokal gestit mir-rikorrenti sal-1.00.a.m. kien biss dak tas-Sinjur imsemmi, ghaliex ma jirrizulta li l-ebda persuna ohra residenti f'dawk l-inhawi, u l-ebda awtorita' interessata ma oggezzjonat ghal tali permess; dan irid jigi trattat ukoll mal-fatt li l-Awtorita' stess fil-kazi simili ta' hwienet ohra li talbu l-permess ta' hrug ta' imwejjed barra mill-lokal koncernat, dejjem tat li tali permess sal-1.00.a.m, kienu x'kienu c-cirkostanzi, hlief naturalment dak ta' l-appellant.

Illi allura dak li qed jirrizulta lil din il-Qorti huwa li abbazi ta' allegazzjonijiet li saru, b'mod konsistenti minn resident wiehed, fil-konfront tal-appellant u l-gestjoni tieghu tal-hanut, l-Awtorita' ddecidiet li ma taccettax it-talba tal-appellant hemm taht ezami, meta jirrizulta wkoll li qatt ma inghatat opportunita' lill-appellant, bhal ma inghataw l-hwienet l-ohra kollha, skond *policy* li jidher li addottat l-Awtorita' stess, li f'siti simili, il-permess ghall-hrug ta' mwejjed barra jkun sal-1.00.a.m. Jidher ghalhekk li l-Awtorita' utilizzat id-diskrezzjoni taghha konsistentement fis-sens li tali permess kif mitlub jinghata sas-1.00.a.m., hlief fil-kaz tal-appellant, u dan meta jidher li dak li influwenza lill-Awtorita' sabiex timxi b'dan il-mod kien l-ilmenti tal-imsemmija persuna.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-Awtorita' li mxiet biss fuq ilmenti ta' persuna wahda sabiex tinnega lill-appellant il-permess mitlub, meta tali permess inghata lil kull min applika ghalih kienet fil-verita' irragonevoli, u dan peress li la darba l-*policy* tal-Awtorita' kienet li jinhargu tali permessi ghal kull min applika, mela allura t-talba tar-rikorrenti kellha tigi

milqugha, salv li jigu osservati l-kundizzjonijiet l-ohra tal-istess permess, ghaliex fil-fatt jirrizulta li minflok dak li ghamlet l-Awtorita', u wkoll il-Bord tal-Appell, kien li ppenalizzaw lill-appellant bir-rifjut ghal tali permess ta' estensjoni ta' hin ghall-hrug ta' imwejjed sas-1.00.a.m. biss fuq allegazzjoni da parte ta' persuna wahda, liema allegazzjoni baqghet bhala tali ghaliex qatt ma giet ippruvata quddiem organu kompetenti jew Qorti.

Illi fil-fatt kienet tkun sitwazzjoni ohra kieku inhareg permess sas-1.00.a.m u l-appellanti instab li kiser il-kondizzjonijiet tal-permess permezz ta' decizjoni *ad hoc* ta' Qorti jew Awtorita' ohra kompetenti; izda l-Awtorita' lanqas biss sa hawn ma trattat kif kellha titratta lill-appellant, ghaliex hija kkonsidratu hati bla ma kien hemm ebda kundanna fuqu, u hadet ukoll il-passi kontra tieghu, ghaliex irrifjutatlu l-permess, fuq allura l-pretest li dan kien ser jinkiser, dan kollu fuq allegazzjonijiet maghmula dejjem minn persuna wahda, u minghajr ebda prova ta' xi tip ta' kundanna fil-konfront tal-appellant mill-Awtoritajiet kompetenti li jiddeciedu kazi simili.

Illi dan huwa iktar relevanti meta jirrizulta mid-decizjoni tal-Bord stess, li l-istess Bord kien lest li jikkonsidra t-talba tal-appellanti positivament kemm il-darba huwa jigi liberat minn akkuzi li saru fil-konfront tieghu fil-kawza kriminali l-Qorti dwar il-gestjoni tieghu. Mela allura dak li kellu jkun relevanti u ragonevoli ghall-Awtorita' hija li *se mai* tirrevoka l-permess li jinhareg bhal ma hareg ta' kull persuna ohra, kemm il-darba r-rikorrenti jikser il-kundizzjonijiet tieghu u dan ibbazat fuq decizjoni li kien hemm ksur tal-istess kondizzjonijiet tal-permess u senjatament dik specifika mertu tal-kawza odjerna, u mhux li ma jinharigx permess biss ghaliex saru allegazzjonijiet kontra tieghu minn persuna wahda, ghaliex b'hekk ikun ifisser li l-appellant qed jigi penalizzat qabel ma jinstab hati. Fil-fatt jirrizulta li l-kawzi li hemm pendenti l-Qorti huma dwar daqq ta' muzika wara l-hin stabbilit u li zamm l-imwejjed barra wara l-hin lilu koncess, li la darba ma hemmx decizjoni dwarhom kontra l-appellant, lanqas ghandhom jippregudikawh, kif jidher li gja ghamlu tant li l-permess mitlub minnu gie addirittura

rifjutat. Jinghad ukoll li tali decizjonijiet lanqas fil-verita' ma huma relevanti ghall-kaz in ezami, ghaliex l-appellant qatt ma kellu permess li jista' johrog l-imwejjed sas-1.00.p.m. u allura dak li jigi deciz lanqas jista' jkun relevanti ghall-kaz in ezami, proprju ghaliex l-istess appellant lanqas biss inghata bhal haddiehor dan it-tip ta' permess. Ghalhekk meta il-Qorti tikkonsidra dan kollu thoss li f'dan il-kaz il-Bord ma zgurax li d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar s-Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu jew ta' xi ligi ohra applikabbli jkunu gew implimentati jew applikati sew u li *"d-diskrezzjoni vestita fl-Awtorita' tkun giet uzata b'mod ragonevoli"* kollox kif provdut fl-**artikolu 14 tal-Kap. 408** u mill-fattispecie tal-kaz jirrizulta li l-istess Awtorita' uzat id-diskrezzjoni taghha ghar-rifjut ta' tali permess mitlub mill-appellant, mertu tal-appell odjern, b'mod irragonevoli, u dan ghaliex jidher li tat importanza determinanti u vitali ghal dawk li fuq kollox huma semplici allegazzjonijiet vantati dejjem minn persuna wahda kontra l-appellant, meta ma kien hemm raguni ghaliex dan ghandu jsir, iktar u iktar meta l-appellant qatt ma kellu l-permess mitlub minnu, kif kellhom kull persuna li applikat, u meta jirrizulta li dan huwa l-unika kaz fejn permess ta' dan it-tip ma inghatax lill-persuna li talbitu, u fejn jirrizulta mill-atti processwali li qatt ma kien hemm (u lanqas jista' jkun hemm sakemm jinhareg) lanqas kundanna gudizzjarja fil-konfront tal-appellant fuq il-permess mertu tat-talba tieghu.

Illi ghalhekk l-appell odjern qed jigi milqugh fis-sens li d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar it-Turizmu fl-ismijiet premessi datata 27 ta' Settembru 2010 qed tigi mhassra u kancellata ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u ghalhekk tibghat l-atti kollha lill-Awtorita' kompetenti sabiex a bazi ta' din id-decizjoni u dak miltub mill-appellant tagixxi skond il-ligi fil-konfront tal-appellanti in vista tal-permess mitlub minnu sabiex jkun jista' jzomm l-imwejjed u siggijiet barra l-lokal tieghu "Conquest Bar" sas-1.00.a.m kif mitlub.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi, billi tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Kevin Ahar permezz tar-rikors tieghu datat 12 ta' Ottubru 2010, b'dan li d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar it-Turizmu fl-ismijiet premessi "Kevin Ahar vs l-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta" (Kaz. Numru 42) datata 27 ta' Settembru 2010 qed tigi revokata, mhassra u kancellata ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u ghalhekk din il-Qorti qed tibghat l-atti kollha lura lill-Awtorita' kompetenti sabiex a bazi ta' din id-decizjoni u dak miltub mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu quddiem din il-Qorti tagixxi skond il-ligi fil-konfront tal-istess appellant in vista tal-permess mitlub minnu sabiex jkun jista' jzomm l-imwejjed u siggijiet barra l-lokal tieghu "Conquest Bar" sas-1.00.a.m skond l-applikazzjoni minnu maghmula.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-Awtorita' appellanti l-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------